**Nibqa' niftakrek**

Meta qrajt quddiemi l-aħbar li inti
M'għadekx aktar tgħix fostna f'art il-bnedmin,
Dlonk ġelben id-dmugħ, mgħaġġeb għedtlek: "Binti,
Kif ħrabtilna tiġri lejn art il-ħenjin?"

Imma meta noqgħod għall-kwiet hekk naħseb
Għax postok hawn f'dit-tbatija ma kienx żgur,
Inħema fik l-għatx għall-Mulej li għarrsek
Tbiegħedt mill-Kalvarju, dħalt post ta' unur.

Il-mistoqsijiet tiegħek nibqa' nġorrhom
Fihom sens aktar issa minn dakinnhar,
Waħda waħda, iħalluni nonġorhom
Fija jkebbsu l-akbar, l-eħrex, l-iprem nar.

Kif inħossni nkellem Mulej lil qalbek
Hekk għallimtni oħti, nibqa' niftakrek.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 t'April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.